MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 243/2003/1

**Vincenzo Borg**

**vs**

**Karl Jude Bonett**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Frar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fid-9 ta' Mejju, 2003 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagunati minnu fl-incident li sehh fis-27 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00) meta huwa kien qieghed isuq

il-vettura Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni ALX 190 meta hu tajjar lill-attur.

Dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tieghu.

Ai fini ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni ma jeccedux l-ammont ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600).

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. **In linea preliminari**, l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris".
2. **Fil-mertu**, t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident stradali de quo ma garax tort tal-eccipjent.
3. Fil-kaz li jirrizultaq fondati l-eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjent m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali illi sehh fis-27 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00) meta l-attur gie mtajjar mill-karozza bin-numru tar-registrazzjoni ALX 190 misjuqa mill-konvenut.

Il-konvenut minn naha tieghu qieghed jecepixxi l-inkompetenza ta' din il-Qorti 'ratione valoris' kif ukoll ir-responsabbilta ghall-incident.

Ikunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni ta' inkompetenza 'ratione valoris' ma jidhirx illi l-konvenut ta wisq importanza lejn din l-eccezzjoni. Fil-fatt ma rrizultaw l-ebda prova sabiex il-Qorti b'xi mod tkun tista' tikkunsidraha. Ghalhekk il-Qorti tiddisponi minnha u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Irrizulta mill-provi illi fis-27 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00), l-attur kien qieghed jaqsam Triq Alexander, il-Hamrun. Huwa hares fuq iz-zewg nahat u ra illi ma kienux gejjin karozzi u qasam. Ftit qabel ma wasal in-naha l-ohra tat-triq giet karozza u tefghetu ma' l-art. Jikkonferma li l-post huwa xi ftit mudlam u ma rax 'il karozza tavvicina, lanqas ma ra d-dawl taghha. Jghid testwalment, "… kieku rajtu kont indabbar rasi."

Bhala rizultat ta' l-incident l-attur ma kellux ksur, pero' kellu jattendi ghall-*physioteraphy* u skond ic-certifikat ta' Mr Carmel Sciberras ghandu hamsa fil-mija (5%) *disability* [fol. 18], dana l-ghaliex ghandu mankanza ta' movimenti f'irkuntejh. Fil-gurnata ta' l-incident, l-attur kellu hamsa u sebghin (75) sena, kien liebes gakketta skura u qalziet griz. Ma kienx hemm dawl fejn kien qieghed jaqsam, pero' kien hemm bozza n-naha l-ohra tat-triq.

Mistoqsi ghaliex ghazel li jaqsam fil-parti l-aktar wiesgha tat-triq, l-attur rrisponda u qal, "… minn hemm ghogobni naqsam."

Il-konvenut xhed illi dak inhar kien qed isuq il-Mercedes tieghu bin-numru tar-registrazzjoni ALX 190 fi Triq Sciberras u ried idur lejn il-lemin ghal Triq Alexander. Ghalhekk kif qabez iz-*zebra crossing*, li jidher fl-iskizz a fol. 26, waqaf biex jghaddi van illi kien gej mill-faccata. Kif ghadda l-van xeghel l-*indicator* u beda jdur lejn il-lemin, izda kif tfacca fi Triq Alexander ra lill-attur quddiemu u laqtghu. Dak il-hin id-dawl kienu *dipped*. F'ebda hin ma ra lill-attur jaqsam it-triq u kien fil-mument ta' l-impatt illi nduna bih. Triq Alexander hija *one way* fid-direzzjoni li kien qed isuq il-konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hija safejn jista' jinghad illi kien hemm xi negligenza ta' xi hadd mill-partijiet jew mit-tnejn illi seta' kien fattur kontributorju ghal dan l-incident. L-awtur Taljan Mario Codagnone fil-ktieb tieghu "Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali" f'pagna 51 jghid, "Riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio; la stada e' di tutti (sottolinear tal-Qorti). Essa e' un bene al cui utensa I cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggior doveri da parte di coloro che la dominano alla guida di mezzi che per le loro intrinsiche caratteristiche di velocita' e di potenza possono costituire anche solo per questo un imanente pericolo per la circolazzione."

Ghalhekk, il-punt tat-tluq tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huwa li t-triq ghandu dritt ikun fiha kulhadd u kulhadd ghandu obbligi u doveri x'josserva mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li jinsab fihom, sew sewwieq kif ukoll il-*pedestrian*, b'dawk tas-sewwieq forsi aktar oneruzi mehud in konsiderazzjoni l-mezzi illi huwa juza. Dan ma jfiissirx pero' illi hemm xi presunzjoni kontra tieghu u kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-meriti.

F'sentenza moghtija fil-21 ta' Gunju, 1995 fil-kawza George Micallef pro et noe vs Gordon Camenzuli il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ghall-artikoli 20 u 21 tal-*highway code* u sahqet illi meta *pedestrian* ikun qed jaqsam it-triq fejn ikun hemm, ghandu dejjem juza s-*subway* jew *zebra crossing* u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Qalet ukoll illi qabel jaqsam il-*pedestrian* ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug, u jerga lejn il-lemin u jaqsam biss meta t-triq ma jkunx hemm karozzi (ara wkoll Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni Appell deciz fil-11 ta' Marzu, 1998).

L-attur xehed illi hares darba kull naha, ra li ma kienux gejjin karozzi u qasam. Huwa kien liebes hwejjeg skuri f'post fejn ma kienx hemm dawl bizzejjed. Terga u tghid,

ghazel illi jaqsam fl-aktar parti perikoluza tat-triq, ghax fi kliemu stess minn hemm ghogbu jaqsam. Hawnhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-attur pogga ruhu f'sitwazzjoni verament perikoluza u ma jidhirx illi ha l-mizuri kollha necessarji meta gie biex jaqsam it-triq. Fil-kawza Il-Pulzija vs Caruana (XXXIX p IV pagna 1031) il-Qorti qalet, "Il-*pedestrian* ghandu certament id-drittijiet fic-cirkostanzi tat-traffiku imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ipoggi ruhu f'post fejn mhux suppost ikun (bhal *roundabout*s) u d-*driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi illi jista jsofri dak il-*pedestrian* f'din il-kontingenza."

Il-Qorti ma jidhilhiex illi kien hemm xi element ta' negligenza fis-sewqan tal-konvenut. Dana ried idur lejn il-lemin fi triq *one way* fid-direzzjoni permessa lilu. Huwa l-prekawzjonijiet kollha necessarji u hekk kif dahal f'dik it-triq sab lill-attur ma' wiccu. Ic-cikostanzi kienu kollha kontra tieghu, kien id-dlam u l-attur kien liebes hwejjeg skuri li ghamluha aktar difficli ghall-konvenut biex jinduna bih. Barra minn hekk, il-konvenut kien ukoll impedut sa certu mod, bil-van illi ghadda minn fuq il-lemin, illi kien qed jghatti lill-attur dak il-hin illi kien qed jaqsam it-triq, fejn kompliet tiggrava posizzjoni perikoluza.

Fil-kawza Frodsham vs Aetna Insurance Company 1959, il-Qorti ta' l-Appell qalet fost affarijiet ohra, "during the hours of darkness, however, one cannot so conidently rely on being seen in time by approaching drivers. Street lighting will be an element but generally a *pedestrian* who at night walks in a roadway with his back towards the direction from which vehicles if any will come, is negligent unless he satisfies himself as often as is reasonalbe in the circumstances as no vehicle is bearing down upon him from behind. It seems to be no more than common sense that a *pedestrian* walking on a roadway used by vehicles ought to bear in mind that the greater the difficulties of the driver owing to the lighting or other conditions the greater the care that must be exercised by the *pedestrian* to protect himself from injury."

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attur ma hax dawn il-mizuri u ma ha l-ebda pass biex jipprotegi lilu nnifsu mill-periklu. Anzi konsepevolment pogga ruhu f'posizzjoni antipatika meta ghazel l-aktar parti wiesgha tat-triq ghax hemm ghogbu jaqsam. Allura f'din is-sitwazzjoni l-attur irid jerfa' l-konsegwenzi tad-decizjoni tieghu. Kien l-attur stess illi ma zammx *a proper look-out* meta hu ma ndunax bil-karozza gejja fuqu u lanqas ma ra d-dawl taghha. “Although it is the duty of a driver of a motor car to exercise every care to avoid *pedestrians*, it is yet incumbent on *pedestrians* to refrain from obstructing unduly the transit of vehicles.” *Police vs Aldridge* (XL part IV page 1013).

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-incident jahti unikament l-attur illi pogga ruhu f'sitwazzjoni perikoluza u skabruza b'mod illi kkrea '*sudden emergency*' ghall-konvenut illi minn naha tieghu kien qed josserva r-regolamenti tat-traffiku u l-Qorti ma sabet xejn x'ticcensura fl-operat tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.”

Fil-konfront ta' din is-sentenza l-appell interpost mill-attur jikkonsisti essenzjalment fi kritika ta' l-apprezzament tal-provi u tar-ragonament maghmul mill-ewwel Qorti in meritu ghall-kwestjoni tar-responsabilita`. Huwa jikkontendi illi gjaladarba rrizulta li hu ttraversa t-triq b' attenzjoni u b' dak il-hsieb okkorrenti, ir-responsabilita` ma kellhiex imbaghad tigi akkollata kollha lilu. Dejjem skond l-istess appellant kien il-konvenut li ma uzax attenzjoni u prudenza massima fis-sewqan tieghu;

F' materja ta' investiment ta' *pedestrians* jokkorri li jigi qabel xejn puntwalizzat dak li drabi ohra gie enuncjat, u cjoe, illi “f' kazijiet ta' din ix-xorta l-indagini li trid issir hi

duplici jigifieri tant dwar il-kondotta fis-sewqan tad-*driver* biex jigi determinat jekk ghamelx xi manuvra nkonsulta u negligenti li ma jmissux jaghmel, kemm dwar il-moviment tal-*pedestrian* halli jigi determinat jekk kienx l-agir tieghu li wassal ghal dak li gara, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif emergenti mill-provi akkwistati fil-process" – "**Melita armla ta' Joseph Vella *et* -vs- Anthony Camilleri *et***", Appell Civili, 30 ta' Jannar 1976;

Dan premess, minn ezami ta' bosta sentenzi, in partikolari dawk moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, per Imhallef William Harding, hija evidentement distingwibbli x' ghandha tkun l-imgieba tas-sewwieq u tal-*pedestrian*, *qua* utenti tat-triq:-

(1) "*Driver* ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian*. Il-kaz li fih id-*driver* jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b' xi att inaspettat u subitaneu, jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-*driver* f' posizzjoni li, anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "**Il-Pulizija -vs- Dockyard PC 347 Carmel Mifsud**", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954 (**Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 859**);

(2) "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f' dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (**Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031**);

(3) "Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing*" – "**Il-Pulizija -vs- Joseph Formosa**", Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 (**Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027**);

(4) "Hu veru li anki l-*pedestrian* ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-*driver* l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b' margini sufficjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija -vs- George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (**Kollez. Vol. XLV P IV p 947**);

Huwa dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex *driver* ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu. Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu c-cirkostanzi mprovvizi" – "**Il-Pulizija -vs- Joseph Thornton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961 (**Kollez. Vol. XLV P IV p 920**);

Din l-ahhar osservazzjoni tadatta ruhha perfettament ghall-kaz in kwestjoni. Dan limitatament pero` fis-sens illi l-attur appellant kien ukoll anzjan ta' 75 sena fil-mument li gie investit. Ciononostante, mid-deskrizzjoni ta' kif sehh l-incident l-fattur eta` jibqa' l-uniku attenwanti ghal mod ta' komportament ta' l-appellanti meta ddecieda li jittraversa t-triq. Mill-kumplament hu car illi huwa naqas li jiehu l-prekawzjonijiet elementari illi jindaga kienx "*safe*" illi jaqsam minn fejn qasam fl-aktar parti wiesgha tat-triq, u fid-dlam, liebes beritta sewda, gakketta sewda u qalziet griz;

Jinsab statwit fis-sentenza fl-ismijiet "**Salvatore Bongailas -vs- Joseph Mercieca**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1967, ukoll citata mill-appellat, illi "m' hemm ebda presunzjoni li, fil-kaz ta' accident bejn *motor car* u *pedestrian*, il-*pedestrian* ghandu dejjem raguni". Issokta mbaghad jigi osservat illi "b' danakollu hu veru illi, fejn m' hemmx regolat b' xi mod partikolari l-passagg tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juza t-triq karrozzabbli anqas ghandu jitqies bhala xi intruz; u filwaqt illi l-*pedestrian* ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza, minn naha l-ohra d-*drivers* ta' karozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b' mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu ghall-*pedestrians* li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq";

Mod jew iehor din l-istess riflessjoni tinsab ekkeggjata fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Attard -vs- John Baldacchino**", Appell Civili, 20 ta' Lulju 1994;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-kondotta fis-sewqan ta' l-appellat u li skond l-appellanti kienet wahda non-kuranti u, jekk xejn, kienet wahda kontributorja. Din il-Qorti rriezaminat b' attenzjoni l-provi precesswali, konsistenti kwazi eskluzivament mix-xhieda tal-kontendenti, u hi tal-hsieb li l-mod ta' sewqan tal-konvenut ma kienx il-kawza sostanzjali ta' l-incident. Ma jirrizulta

minn imkien illi l-appellat kien qed isuq b' dizattenzjoni, imprudentement, jew b' non-kuranza ghall-utenti ohra tat-triq. Skond PS 1330 (fol. 23) kif l-appellat dar il-kantuniera ghal go Triq Alexander sab lill-attur qed jaqsam it-triq. Rinfaccjat b' din ic-cirkostanza, fi kliem l-appellat "ma kelli ebda opportunita` li nevita lil Borg. Sibtu mill-ewwel quddiemi, ma stajtx nevitah" (fol. 40). Din is-sitwazzjoni tikkontjeni dik il-karetteristika li jsemmu d-decizjonijiet fuq citati ta' l-emergenza subitanea krejata lid-*driver* ta' vettura. Qaghda din li meta tirrizulta, bhal f' dan il-kaz, tiskansa lid-*driver* minn kull htija, fl-assenza ta' xi ghemil abuziv precedenti tieghu. Fatt dan li hu eskluz mill-provi;

Mill-fuq espost il-kawza prossima u immedjata ta' l-investiment ta' l-attur ma kienetx dik suggerita mill-appellanti izda inversament in-nuqqas tieghu li jirregola ruhu sew meta gie biex jaqsam it-triq f' kantuniera u fid-dlam. Cirkostanzi dawn li fl-assjem taghhom jikkontjenu ingredjenti ta' nuqqas ta' uzu ta' kawtela diligenti jew ahjar tal-harsien tal-principju ta' "*careful look out*" li hu mistenni li jigi segwit anke minn *pedestrian* f' zona tat-triq destinata ugwalment ghat-transitu ta' vetturi.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra stabbiliti mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura wkoll kontra l-attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------